## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMP 12/2023 - IL-PULIZIJA (SPETTUR OMAR ZAMMIT) V. KEITH AZZOPARDI (KI. 46793M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Keith Azzopardi ta' 30 sena, iben Emanuel u Sonia xebba Vella, imwieled il-Pieta' nhar il-31 ta' Diċembru 1992, detentur tal-karta tal-identita' numru 46793M, residenti 3, Triq San Mikiel, Sqaq Nru. 1, Bormla, ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2023 mixli bis-segwenti akkużi:

1) U nakkużah talli nhar 04 ta' Jannar 2023 u fil-gimghat u xhur ta' qabel f'diversi bnadi gewwa dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil **Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni mieghu,** jew gab ruhu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghall-istess Anaise Sammut u dan bi ksur ta' artikoli 251A (1)(a)(b), 251A(2), 251A(4), 251H; 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.
2) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil **Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni mieghu** u l-imgieba tieghu tammonta ghal segwiment ta' persuna bil-mohbi u dan bi ksur ta' artikoli 251AA(1)(a)(b); 251AA(2); 251AA(3); 251AA(4); 251H; 222(1); 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

3) U aktar talli fl-istess data, zmien, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil **Anaise Sammut, persuna li kellha tarbija minnu u li kienet f'relazzjoni mieghu** biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna din il-biza u dan bi ksur ta' artikoli 251B(1); 251B(2); 251H tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

4) U aktar talli nhar 04 ta' Jannar 2023 ghall-habta ta' 09:30am f'Rahal gdid, attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe **Pc877 Peter Glen Vella** u **Pc606 Joseph Ellul**, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' artikolu 96 tal-Kodici Kriminali ta' Malta

5) U aktar talli nhar 04 ta' Jannar 2023 ghall-habta ta' 09:30am f'Rahal gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' **Mario Sammut** f'periklu car, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess **Mario Sammut** u cioe ferita ta' natura hafifa kif ccertifikat minn Dr. Jessica Pavia Med Reg 4451.

6) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamilt injurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali lil **Anaise Sammut** jew, jekk kont provokat, ingurjajt b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' artikoli 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ta' Malta

7) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor u dan bi ksur ta' artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

8) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ma obdix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku cioe lil **Pc877 Peter Glen Vella** u **Pc606 Joseph Ellul**, jew ma hallejtomx jew fixkiltom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijietom u dan bi ksur ta' artikoli 338(ee) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

9) U aktar talli kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu nhar 28 ta' Settembru 2022, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn **Magistrat Dr Josette Demicoli LL.d.**, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

10) U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu nhar 31 ta' Dicembru 2019 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn Magistrat Dr. Monica Vella LL.d.' f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li qieghed mehlus mill-arrest

11) U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula u dan bi ksur ta l-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

rat li ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex:

- toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra Keith Azzopardi għall-benefiċċju ta' Anaise Sammut, Mario Sammut, Ayrton Sammut u Antonia Sammut dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

- jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

- tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' Anaise Sammut, Mario Sammut, Ayrton Sammut u Antonia Sammut dan u f każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa,

- f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Keith Azzopardi u tordna I-arrest mill-ġdid tal-istess persuna kif ukoll tordna sabiex is-somma ta' €7,000 bħala depożitu u garanzija personali jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

rat illi fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2023 sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla twegħid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

rat li l-Avukat Ġenerali ta l-kunsens tiegħu ai termini tal-Art. 370(4) tal-Kap. 9 sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[1] biex b'hekk il-Qorti saret kompetenti skond il-liġi sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

rat li waqt l-eżami msemmi, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk iridx u xi jrid iwieġeb fuq l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, l-imputat iddikjara li huwa ħati,

rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi,

rat li wara li s-seduta ġiet posposta għal għoxrin minuta u l-Qorti tat żmien biżżejjed lill-imputat sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat li fl-istess seduta l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens illi l-kliem "28 ta' Settembru 2022" fid-disa' imputazzjoni jiġu jaqraw "16 ta' Frar 2022", għal liema talba d-difiża rrimetiet ruħha biex b'hekk il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjoni appożita. Għal kull bwon fini l-imputat rreġistra ammissjoni u kkonferma l-istess dwar l-imputazzjoni kif korretta,

rat li fl-aħħar tal-istess seduta, il-Qorti talbet lill-Prosekuzzjoni sabiex fis-seduta sussegwenti tippreżenta informazzjoni ulterjuri dwar l-Ordni ta' Superviżjoni datata 16 ta' Frar 2022 maħruġa kontra l-imputat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, presjeduta mill-Maġistrat, illum Imħallef, Dr. Josette Demicoli, partikolarment dwar il-Probation Officer li nħatret għal dak l-iskop, u kif ukoll tippreżenta kopja tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest maħruġ fir-rigward tal-imputat fil-31 ta' Diċembru 2019 minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella,

rat li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023 xehdet l-uffiċjal tal-*probation* Donalise Camilleri u wara li saret talba mill-avukat difensur, liema talba ma ġietx opposta mill-Prosekuzzjoni, sabiex jiġi redatt rapport ta' qabel is-sentenza, il-Qorti laqgħet it-talba u ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qabbdet lid-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza (b'rakkomandazzjoni li jinnomina għal dan l-iskop lil Donalise Camilleri), qabel ma tħaddan xi fehma dwar

---

[1] Fol 11

kemm ikun adatt li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija, sentenza sospiża jew xi miżura oħra permessa mill-liġi skond l-istess Kap. 446,[2]

semgħet ix-xhieda tal-*probation officer* Donalise Camilleri mogħtija fis-seduta tal-4 ta' April 2023 meta dakinhar l-istess uffiċjal infurmat lill-Qorti illi minkejja diversi tentattivi tagħha sabiex tiltaqa' mal-imputat, dana naqas milli jirrapporta għas-sessjonijiet skedati minnha,

rat illi fl-istess seduta tal-4 ta' April 2023 il-Qorti rrevokat l-ingaġġ tad-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation sabiex jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza ai termini tal-Art. 6(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, [3]

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

2. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti rat illi minkejja li kienet propensa tikkunsidra xi għamla ta' piena alternattiva għal waħda karċerarja tant illi ħatret lid-Dipartiment għal Servizzi ta' Probation sabiex jipprepara rapport ta'qabel is-sentenza, madanakollu l-imputat ma ndenjax ruħu jżomm imqar appuntament wieħed mal-uffiċjal tal-*probation* innominata għal dan l-iskop. Kien għalhekk li l-Qorti rrevokat l-ingaġġ tad-Dipartiment fis-seduta tal-4 ta' April 2023 u għaddiet sabiex tisma' lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

3. Mill-fedina penali tiegħu l-Qorti tagħraf li l-imputat fil-passat mhux daqstant imbiegħed kien diġa ġie misjub ħati ta' oltraġġ fuq uffiċjal pubbliku apparti li ġie misjub ħati ukoll iżjed minn darba ta' theddid u offiżi ta' natura ħafifa fuq persuna li magħha kellu relazzjoni kif ukoll ulied minnha u qraba tagħha. Apparti kollox inqas minn sena qabel id-data tar-reati, sewwasew fis-16 ta' Frar 2022, huwa kien ingħata piena karċerarja ta' sena minn din il-Qorti diversement presjeduta liema piena

[2] Fol 63
[3] Fol 70

kienet ġie sospiża għall-perjodu ta' sentejn. Minkejja li kien ben konsapevoli tar-riperkussjonijiet u konsegwenzi li jistgħu jinqalgħu jekk jikkommetti reat ieħor fiż-żmien operattiv tas-sentenza, l-imputat ma jidhirx illi tgħallem il-lezzjoni u reġa' xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre l-imputat kien qiegħed igawdi l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lilu minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-31 ta' Diċembru 2019 meta *inter alia* l-imputat kien intrabat li ma jikkommettix reat ieħor sakemm tkun għadha qed tinstema' l-kawża tiegħu mill-Qorti. Fuq kollox ir-reati ravviżati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet huma lkoll aggravati ai termini tal-Art. 251H, apparti li l-ewwel żewġ imputazzjonijiet huma aggravati ai termini tal-proviso tal-Art. 251A(4)/251AA(4) stante illi r-reati ġew kommessi kontra persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) b'riferenza għal Art. 202(h), ċioe fuq persuna li kellu relazzjoni magħha u kif ukoll tarbija minnha. Il-Qorti għalhekk hija tenuta minimament li fir-rigward tal-ewwel tlett imputazzjonijiet tapplika żieda ta' grad fil-piena, xi ħaġa li hija sejra tagħmel fid-*decide* tagħha.

4. Tenut kont il-fatturi u ċ-ċirkustanzi fuq imsemmija l-Qorti tara li tkun qed tilħaq bilanċ bejn l-interessi tal-imputat u tas-soċjetà in ġenerali jekk hija titratta mal-imputat bħala reċidiv taħt l-Art. 50 tal-Kap. 9, titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u ddaħħalha fis-seħħ u inoltre timponi piena ta' karċerazzjoni effettiva apparti li timponi ukoll multa pekunjarja tassattiva (Art. 96 tal-Kap. 9), tirrevoka d-digriet li bih l-imputat kien ingħata l-ħelsien mill-arrest fil-31 ta' Diċembru 2019 u tordna l-konfiska ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

**Deċiżjoni**

5. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 17, 28B(1), 31, 49, 50, 96, 221, 251A(1)(a), 251A(1)(b), 251A(2), 251A(4), 251AA(1)(a), 251AA(1)(b), 251AA(3). 251AA(4), 251H, 222(1), 202(h), 251B(1), 251B(2), 339(1)(e), 338(m), 338(ee), 579(2), 579(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u:**

    1. **tordna illi s-sentenza sospiża ta' sena mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fis-16 ta' Frar 2022 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Joanna Piscopo) v. Keith Azzopardi (per Maġ. Illum Imħallef Dr. Josette Demicoli)* tidħol fis-seħħ,**

    2. **tikkundannah jiskonta piena karċerarja ta' sentejn,**

3. **tikkundannah iħallas multa ta' erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500),**

4. **tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-31 ta' Diċembru 2019 mogħti minn din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella u tordna l-konfiska tal-ammont ta' ħames mitt euro (€ 500) mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija,**

5. **toħroġ <u>Ordni ta' Trażżin</u> ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur Anaise Sammut, Mario Sammut, Ayrton Sammut u Antonia Sammut għal perjodu ta' tlett (3) snin <u>mill-iskadenza tal-piena</u>. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi hawn anness.**

**Il-Qorti tordna ukoll li:**

- **kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u**
- **l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

**Fir-rigward tat-talba għall-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba stante illi ma' ġew maħtura l-ebda esperti.**

**V.G. Axiak** — **Y. M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## KUMP 12/2023 - IL-PULIZIJA (SPETTUR OMAR ZAMMIT) V. KEITH AZZOPARDI (KI. 46793M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**16 ta' Mejju 2023**

IL-QORTI,

qegħda tqis li jkun spedjenti li bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni hawn isfel indikati, tagħmel

**Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

taħt il-kundizzjonijiet t'hawn taħt:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **<u>tlett snin mill-iskadenza tal-piena</u>**,

2. Il-ħati qed jiġi pprojbit milli:

    a. javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **<u>Anaise Sammut (KI. 485397M), Mario Sammut (KI. 191366M), Ayrton Sammut (KI. 307994M) u Antonia Sammut (KI. 177170M)</u>** <u>("il-persuni protetti")</u>;

    b. jaċċedi ġewwa fond fejn il-persuni protetti jgħixu, jaħdmu jew jiffrekwentaw,

    c. jikkuntattja direttament jew indirettament jew jimmolesta lill-persuni protetti.

3. Jekk mingħajr skuża raġonevoli l-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu f'din l-Ordni huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

4. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.

Tordna li din l-Ordni tiġi kkomunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Keith Azzopardi**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |